



Brussell, 10 ta' April 2018
(OR. en)

7791/18

**DRS 18
ECOFIN 308
EF 100**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Kummissjoni Ewropea

data meta waslet: 9 ta' April 2018

lil: Segretarjat Ĝeneralis tal-Kunsill

Nru dok. Cion: D055910/01

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 23 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D055910/01.

Mehmuż: D055910/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
[...](2017) **XXX** draft

D055910/01

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 23 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT

MT

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' XXX

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 23 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008² ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.
- (2) Fis-7 ta' Ġunju 2017, il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (International Accounting Standards Board, IASB) ippubblika l-Interpretazzjoni 23 *Inċertezza dwar it-Trattamenti tat-Taxxa fuq l-Introjtu* tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni tar-Rapportar Finanzjarju (International Financial Reporting Interpretations Committee, IFRIC 23). IFRIC 23 jispeċifika kif għandha tkun riflessa l-inċertezza fil-kontabilità għat-taxxi fuq l-introjtu.
- (3) L-adozzjoni tal-IFRIC 23 timplika, bħala konsegwenza, emendi għall-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 1 sabiex tīgi żgurata l-konsistenza bejn l-istandardi ta' kontabilità kkonċernati.
- (4) Il-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju tikkonferma li l-emendi għall-IFRIC 23 jissodisfaw il-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 jiġi emendat skont dan.

¹ ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

- (a) L-interpretazzjoni 23 *Inċertezza dwar it-Trattamenti tat-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRIC 23)* tiddaħħal kif stipulat fl-Anness ma' dan ir-Regolament;
- (b) L-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 1 huwa emendat skont l-IFRIC 23 kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1 sa mhux aktar tard mid-data tat-tnedija tal-ewwel sena finanzjarja tagħha, li tibda fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude Juncker*